

Brussell, 4 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

14023/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0236(NLE)

INST 344

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar in-nuqqas ta' sostituzzjoni ta' Membru tal-Kummissjoni - Adozzjoni

1. Fis-16 ta' Settembru 2024, il-President tal-Kummissjoni, is-Sa Ursula VON DER LEYEN, infurmat¹ lill-Kunsill bir-riżenja tal-Kummissarju BRETON b'effett immedjat.
2. F'konformità mal-Artikolu 246 (3) TFUE, il-Kunsill filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-President tal-Kummissjoni, jista' jiddeċiedi li dan il-post battal m'hemmx bżonn li jimtela, b'mod partikolari meta ż-żmien li jkun fadal għall-mandat tal-Membru tal-Kummissjoni jkun qasir.
3. Fis-26 ta' Settembru 2024, il-President tal-Kummissjoni ppreżentat² Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar in-nuqqas ta' sostituzzjoni ta' Membru tal-Kummissjoni.
4. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar in-nuqqas ta' sostituzzjoni ta' Membru tal-Kummissjoni, kif jinsab fid-dokument ST 14005/24, u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss.

¹ 12439/24.

² 13961/24.